MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 505/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**MICHAEL RIZZO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL RIZZO** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Emanuel u Dolores nee Spiteri, imwieled nhar l-ghoxrin ta' Apriul 1977 u joqghod 4, Triq San Frangisk, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 223577M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta ta' Mejju 1999 gewwa l-fabbrika K3 Company Limited ta' BTI BT2, Industrial Estate, Bulebel, Zejtun, seraq diversi cekkijiet u cheque book ghad-dannu ta' Joe Bank of Valletta plc liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

Talli nhar t-tlieta u l-erbgha ta' Mejju 1999, f'dawn il-Gzejjer, u f'diversi nhawi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioe diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ghad-dannu ta' Joe Pace Bank of Valletta;

Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, xjentement ghal uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta ghad-dannu ta' Joe Pace Bank of Valletta plc;

Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' izmijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' inhtraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika jew b'qerq iehor, ghamel qligh ta' hames mija u hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Joe Pace, Bank of Valletta plc u bosta persuni ohra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn ta' Gunju 1999 esibit a fol 2 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat fl-ezami li sar nhar t-tlettax ta' Ottubru 1999ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif jirrizulta a fol 9 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk tad-Difiza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' April 2000 a fol 32 tal-atti odjerni.

Il-Qorti nnominat lil Mariella Camilleri Senior Probation Officer sabiex thejji pre sentencing inquiry report fuq l-imputat u dan b'digriet taghha tas-sitta ta' Dicembru 2000.

Illi nhar t-tnax ta' Frar 2001, xehdet l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri u esibit r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MC a fol 44 et seq tal-atti processwali.

Illi fil-fehma taghha l-imputat ghandu bzonn jaghmel programm residenzjali u mhux qed juri ko-operazzjoni maghha fis-sens li jibda dan il-rogramm minn rajh. Huwa kien qed juri l-opposizzjoni tieghu u ghalhekk ikkonkludiet li mhux kandidat idejali sabiex jiehu sanzjoni fil-komunita u ghalhekk ghandu jinghata piena karcerarja.

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2001, xehdet darb'ohra l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri fejn spjiegat illi wara li ppresentat r-rapport taghha fuq imsemmi nhar t-tnax ta' Frar 2001, hija kompliet tara l-bzonnijiet tal-impuat u tipprova tirreferih biex jiehu l-ghajnuna li tant ghandu bzonn. Hi gharrfet lil Qorti li l-imputat inghata diversi cansijiet izda ma kienx jaf jaghraf jisfrutta dawn l-opportunitajiet moghtija lilu.

Illi nhar l-erbgha ta' April 2002 l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri spjiegat li hija nghatat ordni mill-Qorti sabiex tiehu *urine sample* tal-imputat. Huwa ma kienx regolari fit-tehid ta' dawn t-testijiet u sahansitra gieli falla u ma marx ghal appuntamenti moghtija lilu.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002, l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri spjiegat li r-risultat tat-test tal-urine tal-imputat kien positiv ghal presenza ta' morfina u ghahekk din kienet indikazzjoni cara li anke waqt l-

andament ta' dawn il-proceduri, l-imputat baqa jabbuza mid-droga minkejja l-ghajnuna kollha li din il-Qorti kient lesta li taghtih.

Fil-hamsa ta' Dicembru 2002 l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri regghet xehdet u spjiegat b'mod kategoriku li l-imputat ma setghax jgheleb il-problema ta' droga li ghandu, il-partner li qed jghix maghha mhux qed tinkoraggih jibda dan il-programm ghalhekk ma kelliex alternattiva ohra salv li tissuggerixxi piena ta' prigunerija.

Illi fis-sbatax ta' Marzu 2003, Mariella Camilleri talbet lil Qorti tissospendi ftit dawn il-proceduri ghaliex bl-insistenza taghha, l-imputat kien qed jigi ppreparat ghal programm ta' rihabilitazzjoni mal-Caritas.

Illi fl-erbatax ta' Ottubru 2003, Mariella Camilleri gharrfet lil Qorti li l-imputat kien beda programm sabiex jindirizza l-problema tieghu mal-fondazzjoni Oasi izda wara xahar u nofs minn rajh abbanduna tali programm.

Din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli kif del resto jirrizulta minn ezami ta' dan il-process sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

F'dan il-kaz pero il-Qorti ma hi qed thossa <u>xejn</u> konvinta kemm din t-talba biex johrog minn din il-problema hija wahda sinciera u affidabbli. Jirrizulta li veru l-imputat jabbuza mill-uzu tad-dorga, izda ma jirrizultax kemm kienu genwieni l-isforzi tieghu precedenti biex jgheleb dan il-vizzju li certament ilu fuqu ghal zmien konsiderevoli. Jirrizulta li huwa attenda ghal programm ta' Oasi, izda dan in-nuqqqs ta' affidabilita u sincerita jirrizultaw mill-fatt li ma

sar ebda progress posittiv tul dan iz-zmien kollu li din il-Qorti zammet il-kawza pendenti.

F'dan ic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti thoss li din t-talba u sottomissjoni tad-Difiza ghal klemenza saret biss biex il-Qorti ma tinfliggix piena karcerarja fuq l-imputat jew, jekk tinfliggi piena karcerarja, din tkun wahda minima u xejn aktar.

Il-Qorti ma tara l-ebda sincerita jew sforz genwin minn naha tal-imputat, ghar-ragunijiet gia msemmija, u temmen li dan ipprova jinqeda b'rimedju esistenti li qieghed hemm biex jghin lil min tassew qieghed fil-bzonn tal-ghajnuna u mhux qieghed hemm sabiex jinghata lil kulhadd daqs li kienu kien bi dritt awtomatiku.  Dan r-rimedju ghandu jinghata biss fejn il-Qorti verament thoss u hija tal-opinjoni li ghandu jinghata lil min jisthoqqlu wara li tkun konvinta mis-sincerita u genwinita tieghu.

Il-Qorti ghalhekk thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 183, 184, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddecidi fuq ammissjoni tal-imputat MICHAEL RIZZO stess li ssibu hati u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar.**

**F'kaz li l-imputat jitlob li jibda programm ta' disintossifikazzjoni jew ghajnuna biex jindirizza l-problema tieghu, il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti widen ghal tali talba tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------